17 ta' Jannar, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Angelo Borg *versus* Alfred Tonna (*)

**Arrest Personali — Revoka — Sospensjoni — Mard tad-Debitur — Spejjeż Ġudizzjarji.**

***F'każ ta' mard serju tad-debitur arrestat il-Qorti tista' tordna, mhux ir-revoka ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-arrest personali, imma s-sospensjoni tiegħu, u kwindi l-iskarċerazzjoni tad-debitur, għal żmien indeterminat.***

***F'każi simili huwa solitu li l-ispejjeż tal-kawża fejn id-debitur jitlob l-iskarċerazzjoni tiegħu jitħallsu minnu.***

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li fiha l-attur ippremetta li in eżekuzzjoni ta' sentenza fl-ismijiet "Alfred Tonna vs. Angelo Borg", mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Mejju 1951, il-konvenut ottjena l-ħruġ ta' mandat tas-16

---

(*) **B'sentenza tat-30 ta' Mejju 1952, il-Qorti ta' l-Appell irrevokat din is-sentenza u ordnat ir-riarrest ta' l-attur, billi s-suspett rilevat fis-sentenza appellata ġie eliminat bl-eżami radjografiku li sar fil-mori ta' l-appell, u għalhekk ma kienx hemm lok aktar għall-provvediment kontenut fis-sentenza appellata.**

ta' Lulju ta' l-istess sena għall-arrest personali ta' l-instanti, li in konsegwenza jinsab attwalment detenut fil-Habs tad-Debituri; u illi l-istess instanti jinsab affett minn mard tal-ment gravi illi l-ulterjuri detenzjoni tiegħu f'dan il-ħabs qiegħda tippreġudikah f'saħħtu; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, prevja okkorrendo r-revoka ta' l-eżekuzzjoni ta' l-arrest personali tas-16 ta' Lulju 1951, dina l-Onorabbli Qorti tillibera d-domandanti mill-arrest personali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, imħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Illi mir-relazzjoni ta' l-espert mediku, kif amplifikata bl-eskussjoni tiegħu quddiem il-Qorti, jirriżulta li, kunsidrat l-istat fiżiku li attwalment jinsab fih id-debitur, il-permanenza tiegħu ġewwa l-ħabs fir-repart tad-debituri tista' tkun ta' preġudizzju għal saħħtu, inkwantokkè hemm suspett fondat ta' ulċera gastrika, jew dwodenali, u jeħtieġ li jsir urġentement eżami radjografiku li ma jistax isir il-ħabs;

Huwa veru li l-eżami radjografiku jista' jkun negativ, u li f'dan il-każ, skond ma qal il-Professur Dr. Hyzler, ma jkunx hemm aktar il-preġudizzju fuq imsemmi, għaliex il-kuri dietetiċi għall-mard tiegħu ta' l-istonku jkunu jistgħu jsiru fil-ħabs. Però dina l-eventwalità mhix ta' ostakolu; għaliex, kif ġie ritenut mill-ġurisprudenza ċitata fis-sentenza ta' din il-Qorti "Cutajar vs. Tonna", 9 ta' Diċembru 1949, f'każi simili l-Qorti ma tagħtix ir-revoka ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat, imma s-sospensjoni ta' l-arrest tiegħu, u kwindi l-iskarċerazzjoni temporanea;

Għalhekk;

Il-Qorti;

Tiddeċidi billi tilqa' d-domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni, fis-sens biss li tordna s-sospensjoni sa ġurnata indeterminata ta' l-eżekuzzjoni ta' l-arrest ta' l-attur, u tordna konsegwentement l-iskarċerazzjoni tiegħu immedjata sa żmien indeterminat;

Fi żmien 40 ġurnata mil-lum l-attur għandu jeżibixxi fl-

atti ta' din il-kawża ċertifikat mediku bir-riżultat ta' l-eżami radjografiku, u l-konvenut, għeluq dan it-terminu, ikun jista', jekk ikun il-każ, jivventila b'rikors il-kwistjoni tar-riarrest ta' l-attur;

L-ispejjeż, bħal ma hu solitu f'dawn il-każi, (ara "Melendone vs. Caruana", Kummerċ 2. 3. 1893, Imħallef Dr. P. Debono), jitħallsu mill-attur;

Tibqa' riżervata r-responsabilità ta' l-attur, skond il-liġi, fil-każ li eventwalment ma jiġix ammess għall-patroċinju gratuwitu.